

DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/544

tas-16 ta' Diċembru 2022

li temenda d-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet għall-użu taċ-ċomb fil-liġi tal-aluminju għal skopijiet ta' xogħol bil-magni, fil-liġi tar-ram u f'ċerti batteriji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 4(2), il-punt (b) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 4(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/53/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjali u l-komponenti tal-vetturi mqiegħda fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2003 ma jkunx fihom ċomb, merkurju, kadmju jew kromu eżavalenti.
- (2) L-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE jelenka l-materjali u l-komponenti tal-vetturi li huma eżentati mill-projbizzjoni skont l-Artikolu 4(2), il-punt (a), ta' dik id-Direttiva.
- (3) Il-Kummissjoni vvalutat l-eżenzjoni stabbilita fl-entrata 2(c)(i) tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE dwar il-liġi tal-aluminju għal skopijiet ta' xogħol bil-magni fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Din il-valutazzjoni wasslet għall-konklużjoni li jeżistu alternattivi xierqa, iżda li huwa meħtieġ perjodu ta' tranżizzjoni biex jiġi sostitwit l-użu taċ-ċomb fil-materjali u l-komponenti kollha koperti minn dik l-eżenzjoni. L-użu taċ-ċomb fil-materjali u l-komponenti kkonċernati, inkluż iċ-ċomb fl-aluminju tal-ferrobattut, jista' jiġi eliminat gradwalment sa tmiem l-2027. Għalhekk jixraq li tkun prevista data tal-iskadenza għal dik l-eżenzjoni.
- (4) Il-Kummissjoni vvalutat l-eżenzjoni stabbilita fl-entrata 3 tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE dwar il-liġi tar-ram fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Din il-valutazzjoni wasslet għall-konklużjoni li għad ma hemmx alternattivi xierqa disponibbli għall-użu taċ-ċomb fil-materjali u l-komponenti koperti minn dik l-eżenzjoni. Filwaqt li jitqies il-progress li sar fl-iżvilupp tas-sostituti għaċ-ċomb fil-materjali u l-komponenti kkonċernati, jixraq li tiġi prevista data ta' rieżami ġdida għal dik l-eżenzjoni.
- (5) Il-Kummissjoni vvalutat l-eżenzjoni stabbilita fl-entrata 5(b) tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE dwar iċ-ċomb fil-batteriji għall-applikazzjonijiet tal-batteriji mhux inklużi fl-entrata 5(a) ta' dak l-Anness, li tikkonċerna l-batteriji f'sistemi b'voltaġġ għoli, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Il-valutazzjoni wasslet għall-konklużjoni li l-użu taċ-ċomb fil-batteriji għall-applikazzjonijiet tal-batteriji mhux inklużi fl-entrata 5(a) tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE jista' jiġi evitat għal ċerti applikazzjonijiet iżda mhux għall-batteriji użati f'applikazzjonijiet ta' 12 V. Sabiex jiġi applikat qafas regolatorju konsistenti għall-batteriji, inkluż dawk li ma jidħlux fl-eżenzjoni stabbilita fl-entrata 5(a) tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE u li ma jintużawx fl-applikazzjonijiet ta' 12 V, jixraq li jiġu previsti żewġ entrati separati 5(b)(i) u 5(b)(ii) minflok entrata waħda 5(b).

⁽¹⁾ ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

- (6) Jenħtieġ li l-entrata 5(b)(i) tipprovdi eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb fil-batteriji użati fl-applikazzjonijiet ta' 12 V u għall-użu taċ-ċomb fil-batteriji użati fl-applikazzjonijiet ta' 24 V f'vetturi bi skop speċjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Filwaqt li jitqies il-progress li sar fl-iżvilupp tas-sostituti għall-użu taċ-ċomb fil-batteriji kkonċernati, jixraq li tiġi prevista data ta' rieżami għal dawk l-eżenzjonijiet.
- (7) Jenħtieġ li l-entrata 5(b)(ii) tipprevedi eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb fil-batteriji jew għal applikazzjonijiet oħra tal-batteriji li mhumiex inklużi fl-entrata 5(a) u fl-entrata 5(b)(i) tal-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE. Il-valutazzjoni wasslet għall-konklużjoni li l-batteriji b'bażi ta' ċomb għal dawk l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu evitati minħabba l-progress li sar fl-iżvilupp tas-sostituti għall-użu taċ-ċomb fil-batteriji użati f'dawk l-applikazzjonijiet. Għalhekk, jixraq li tiġi prevista data tal-iskadenza għal dik l-eżenzjoni li tippermetti l-eliminazzjoni gradwali tal-użu taċ-ċomb fil-batteriji kkonċernati.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2000/53/KE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-1 ta' Ġunju 2023. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

ANNEX

"ANNEX II

Materjali u komponenti eżentati mill-Artikolu 4(2), il-punt (a)

Għandu jiġi ttollerat valur massimu ta' konċentrazzjoni tas-sustanzi ta' mhux aktar minn 0,1 % tal-piż f'materjal omoġenu għaċ-ċomb, għall-kromu eżivalenti u għall-merkurju u ta' mhux aktar minn 0,01 % tal-piż f'materjal omoġenu għall-kadmju.

L-ispare parts imqiegħda fis-suq wara l-1 ta' Lulju 2003 li jintużaw għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2003, għajr għall-piżijiet għall-ibbilanċjar tar-roti, għall-brushes tal-karbonju għall-muturi elettriċi u għall-firrodi tal-brejkijiet, għandhom jiġu eżentati mill-Artikolu 4(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2000/53/KE.

Materjali u komponenti	Ambitu u data tal-iskadenza tal-eżenzjoni	Li għandu jkollhom tikketta jew ikunu magħmula identifikabbli skont l-Artikolu 4(2), il-punt (b)(iv)
<i>Iċ-ċomb bħala element ta' lligar</i>		
1(a). Azzar għal skopijiet ta' xogħol bil-magni u komponenti tal-azzar galvanizzati f'banju sħun li fiha mhux aktar minn 0,35 % ta' ċomb skont il-piż		
1(b). Folja ta' azzar galvanizzati kontinwament li fiha mhux aktar minn 0,35 % ta' ċomb skont il-piż	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	
2(a). Aluminju għal skopijiet ta' xogħol bil-magni, b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 2 % skont il-piż	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2005	
2(b). Aluminju b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 1,5 % skont il-piż	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2008	
2(c)(i). Liġi tal-aluminju għal skopijiet ta' xogħol bil-magni b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0,4 % skont il-piż	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2028 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	
2(c)(ii). Liġi tal-aluminju mhux inklużi fl-entrata 2(c)(i) b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0,4 % skont il-piż ⁽²⁾	⁽¹⁾	
3. Liġi tar-ram b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 4 % skont il-piż	⁽³⁾	
4(a). Ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2008	
4(b). Ċilindri ta' ġewwa u ta' barra tal-bearings fil-magni, fit-trażmissjonijiet u fil-kompressuri tal-arja kkundizzjonata	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2011	
<i>Iċ-ċomb u l-komposti taċ-ċomb fil-komponenti</i>		
5(a). Ċomb fil-batteriji użati f'sistemi b'voltaġġ għoli ⁽⁴⁾ li jintużaw biss għall-propulsjoni fil-vetturi M1 u N1	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X

5(b)(i). Ċomb fil-batteriji: (1) użati f'applikazzjonijiet ta' 12 V (2) użati f'applikazzjonijiet ta' 24 V f'vetturi bi skop speċjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/858 ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(²)	X
5(b)(ii). Ċomb fil-batteriji użati f'applikazzjonijiet mhux inklużi fl-entrata 5(a) jew fl-entrata 5(b)(i)	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2024 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X
6. Tagħmir kontra l-vibrazzjonijiet	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X
7(a). Aġenti għall-ivvulkanizzar u stabilizzaturi għall-elastomeri f'pajpijiet tal-brejkijiet, pajpijiet tal-fjuwil, pajpijiet tal-ventilazzjoni tal-arja, partijiet tal-elastomeri jew tal-metall fl-applikazzjonijiet tax-xażi, u l-muntaturi tal-magna	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2005	
7(b). Aġenti għall-ivvulkanizzar u stabilizzaturi għall-elastomeri f'pajpijiet tal-brejkijiet, pajpijiet tal-fjuwil, pajpijiet tal-ventilazzjoni tal-arja, partijiet tal-elastomeru jew tal-metall fl-applikazzjonijiet tax-xażi, u l-muntaturi tal-magna li fihom mhux aktar minn 0,5 % ċomb skont il-piż	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2006	
7(c). Legaturi għall-elastomeri f'applikazzjonijiet tas-sistema tal-motopropulsjoni li fihom mhux aktar minn 0,5 % ċomb skont il-piż	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2009	
8(a). Ċomb fl-istann biex iwaħħal il-komponenti elettriċi u elettroniċi mal-bordijiet taċ-ċirkwiti elettroniċi u ċ-ċomb fil-finituri tat-terminali tal-komponenti apparti l-kapaċitaturi elettrolitiċi tal-aluminju, fuq il-pinnijiet tal-komponenti u fuq il-bordijiet taċ-ċirkwiti elettroniċi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽³⁾
8(b). Ċomb fl-istann fl-applikazzjonijiet elettriċi apparti t-twaħħil bl-istann fuq il-bordijiet taċ-ċirkwiti elettroniċi jew fuq il-ħġieġ	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2011 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽³⁾
8(c). Ċomb fil-finituri fuq it-terminali tal-kapaċitaturi elettrolitiċi tal-aluminju	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2013 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽³⁾
8(d). Ċomb użat fit-twaħħil bl-istann fuq il-ħġieġ fis-sensuri tal-fluss tal-massa tal-arja	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2015 u l-ispare parts ta' dawn il-vetturi	X ⁽³⁾
8(e). Ċomb fl-istann tat-tip li jiddewweb ftemperaturi għoljin (jiġifieri l-liġi b'bażi ta' ċomb li jkun fihom 85 % jew aktar ċomb skont il-piż)	(⁴)	X ⁽³⁾

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

8(f)(i). Ċomb fis-sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet konformi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2017 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(f)(ii). Ċomb fis-sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet konformi apparti dawk il-punti fejn jitqabdbu l-konnetturi tal-faxx tal-wajers tal-vetturi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2024 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(g)(i). Ċomb fl-istann li jikkompleta konnessjoni elettrika vijabbli bejn id-damma tas-semikonduttur u l-qafas fi ħdan ċirkwit integrat ta' pakketti flip chip	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Ottubru 2022 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(g)(ii). Ċomb fl-istann li jikkompleta konnessjoni elettrika vijabbli bejn id-damma tas-semikonduttur u l-qafas fi ħdan ċirkwit integrat ta' pakketti flip chip meta dik il-konnessjoni elettrika tkun tikkonsisti f'xi waħda minn dawn li ġejjin: (1) nodu tat-teknoloġija tas-semikondutturi ta' 90 nm jew iktar; (2) damma unika ta' 300 mm, jew iktar f'xi nodu tat-teknoloġija tas-semikondutturi; (3) pakketti ta' dammi stivati b'dammi ta' 300 mm, jew iktar, jew interposers tas-siliċju ta' 300 mm, jew iktar.	⁽⁴⁾ Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Ottubru 2022 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(h). Ċomb fl-istann biex iwaħħal id-distributuri tas-sħana mad-dissipatur tas-sħana fl-assemblaġġi tas-semikondutturi tal-potenza b'ċippa b'daqs ta' mhux inqas minn 1 cm ² b'erja ta' projezzjoni u densità tal-kurrent nominali li tkun tal-inqas 1 A/mm ² tal-erja taċ-ċippa tas-siliċju	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(i). Ċomb fl-istann fl-applikazzjonijiet tal-igglejżjar bl-elettriku fuq il-ħġieġ bl-eċċezzjoni tat-twaħħil bl-istann fl-igglejżjar laminat	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(j). Ċomb fl-istann għat-twaħħil bl-istann tal-igglejżjar laminat	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2020 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
8(k). It-twaħħil bl-istann tal-applikazzjonijiet tat-tisħin b'kurrent tas-sħana ta' 0,5 A jew iktar għal kull ġonta tal-istann fuq il-panewijiet uniċi tal-igglejżjar laminat li ma jaqbiżx ħxuna ta' 2,1 mm. Din l-eżenzjoni ma tkoprix it-twaħħil bl-istann tal-kuntatti inkorporati fil-polimeru intermedju.	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2024 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X ⁽⁵⁾
9. Sitijiet tal-valv	Bħala spare parts għal tipi ta' magni żviluppati qabel l-1 ta' Lulju 2003	

10(a). Komponenti elettriċi u elettroniċi, li fihom iċ-ċomb fil-ħġieġ jew fiċ-ċeramika, f'komposti matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika, f'materjal tal-ħġieġ u taċ-ċeramika, jew f'komposti matriċi tal-ħġieġ u taċ-ċeramika. Din l-eżenzjoni ma tkoprix l-użu taċ-ċomb: (i) fil-ħġieġ fil-bozoz u fil-glejż tal-ispark plugs, (ii) fil-materjali dielettriċi taċ-ċeramika ta' komponenti elenkati taħt 10(b), 10(c) u 10(d).		X ⁽⁹⁾ (għal komponenti għajr il-piezo fil-magni)
10(b). Ċomb fil-materjali taċ-ċeramika dielettrika bbażati fuq PZT tal-kapaċitaturi li huma parti minn ċirkwiti integrati jew semikondutturi diskreti		
10(c). Ċomb f'materjali taċ-ċeramika dielettrika f'kapaċitaturi b'voltaġġ nominali ta' anqas minn 125 V AC jew 250 V DC	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2016 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	
10(d). Ċomb fil-materjali taċ-ċeramika dielettrika ta' kapaċitaturi li jagħmel tajjeb għad-devjazzjonijiet relatati mat-temperatura tas-sensuri f'sistemi tas-sonar ultrasoniċi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2017 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	
11. Inizjaturi pirotekniċi	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2006 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	
12. Materjali termoelettriċi li fihom iċ-ċomb u li jintużaw f'applikazzjonijiet elettriċi tal-vetturi biex jtnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO ₂ permezz tal-irkupru tas-sħana mill-egżost	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2019 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X
<i>Kromu eżivalenti</i>		
13(a). Kisi kontra l-korrużjoni	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2007	
13(b). Kisi preventiv kontra l-korrużjoni marbut mal-assemblaġġi tal-boltijiet u l-iskorfini għall-applikazzjonijiet tax-xażi	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2008	
14. Il-kromu eżivalenti bħala prodott kontra l-korrużjoni fis-sistema tat-tkessiħ tal-azzar bil-karbonju, sa 0,75 % tal-piż tas-soluzzjoni tat-tkessiħ, fil-friġġijiet tal-assorbiment: (a) maħsubin biex jaħdmu għalkollox jew b'mod parzjali b'ħiter tal-elettriku li juża input medju tal-potenza elettrika ta' inqas minn 75 W f'kundizzjonijiet ta' tħaddim kontinwu; (b) maħsubin biex jaħdmu għalkollox jew b'mod parzjali b'ħiter tal-elettriku li juża input medju tal-potenza elettrika ta' 75 W jew iktar f'kundizzjonijiet ta' tħaddim kontinwu; (c) maħsubin biex jaħdmu għalkollox b'ħiter mhux elettriku.	Għal (a): Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2020 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi Għal (b): Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Jannar 2026 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X

Merkurju

15(a). Lampi ta' skariku elettriku għall-applikazzjonijiet tal-fanali ta' quddiem	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2012 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X
15(b). Tubi fluworexxenti użati fil-pannelli tal-wiri tal-istrumenti	Vetturi b'approvazzjoni tat-tip maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 2012 u l-ispare parts għal dawn il-vetturi	X

Kadmju

16. Batteriji għall-vetturi elettriċi	Bħala spare parts għall-vetturi mqiegħda fis-suq qabel il-31 ta' Diċembru 2008	
---------------------------------------	--	--

Noti mat-tabella:

- (¹) Din l-eżenzjoni għandha tiġi rieżaminata fl-2024.
- (²) Tapplika għal-liġi tal-aluminju fejn iċ-ċomb ma jgħix introdott b'mod intenzjonat iżda huwa preżenti minħabba l-użu ta' aluminju riċiklat.
- (³) Din l-eżenzjoni għandha tiġi rieżaminata fl-2025.
- (⁴) Is-sistemi li għandhom voltaġġ ta' > 75 V DC kif previst fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357).
- (⁵) Iż-żarmar fil-każ li, f'korrelazzjoni mal-entrata 10(a), jinqabeż limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-finijiet ta' din in-nota, l-apparati elettroniċi mhux installati mill-manifattur fuq il-linja tal-produzzjoni ma għandhomx jitqiesu.
- (⁶) Iż-żarmar f'każ li, f'korrelazzjoni mal-entrati 8(a) sa 8(k), jinqabeż limitu medju ta' 60 gramma għal kull vettura. Għall-finijiet ta' din in-nota, l-apparati elettroniċi mhux installati mill-manifattur fuq il-linja tal-produzzjoni ma għandhomx jitqiesu".